A.L. 193 ta' l-2004

ATT TA' L-2001 DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Valutazzjoni u Maniġġar ta' Ħsejjes fl-Ambjent

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar Valutazzjoni u Maniġġar ta' Ħsejjes fl-Ambjent. Titolu.

2. (1) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jiġi definit metodu komuni maħsub biex jevita, jipprevjeni jew inaqqas skond bażi prijoritizzata l-effetti li jagħmlu ħsara, inkluż inkonvenjent, minħabba fis-smigħ ta' ħsejjes fl-ambjent. Għal dak l-iskop l-azzjonijiet li ġejjin għandhom jigu implimentati progressivament: Objettivi.

(a) id-determinazzjoni ta' smigħ ta' ħsejjes fl-ambjent, permezz ta' tiswir ta' mapep tal-ħsejjes, b'metodi ta' valutazzjoni komuni għall-Istati tal-Ftehim;

(b) l-iżgurar li informazzjoni fuq ħsejjes fl-ambjent u l-effetti tagħhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku;

(ċ) l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni mill-Istati tal-Ftehim, ibbażati fuq riżultati ta' tiswir ta' mapep ta' ħsejjes, bl-iskop li jipprevjeni u jnaqqas ħsejjes fl-ambjent meta jkun meħtieġ u partikolarment meta l-livelli ta' smigħ jistgħu jwasslu għal effetti li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem u jippreservaw il-kwalità ta' ħsejjes fl-ambjent meta dawn ikunu tajba.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jaħsbu wkoll biex jipprovdu bażi għall-iżviluppar ta' metodi biex jitnaqqsu l-ħsejjes prodotti minn sorsi prinċipali, b' mod partikolari vetturi tat-triq u li jimxu fuq ferroviji u infrastrutturi, ajruplani, tagħmir li jintuża fil-beraħ u fl-industriji u makkinarju mobbli.

Skop.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal ħsejjes fl-ambjent li l-bnedmin huma esposti għalihom b' mod partikolari f'zoni mibnija, parks pubbliċi, jew zoni kwieti oħra f'agglomerazzjoni, f'zoni kwieti fil-kampanja, ħdejn skejjel, sptarijiet u bini u zoni oħra sensittivi għall-ħsejjes.

(2) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal ħsejjes ikkaġunati mill-persuna esposta nnifisha, ħsejjes minn attivitajiet domestiċi, ħsejjes magħmulin minn ġirien, ħsejjes f'postijiet tax-xogħol jew ħsejjes f'mezzi ta' trasport jew ġejjin minn attivitajiet militari f'zoni militari.

Tifsiriet.

4. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"agglomerazzjoni" tfisser parti minn territorju, kif stabbilita mill-awtorità kompetenti, li għandha popolazzjoni li taqbeż il-100,000 persuna u densità ta' popolazzjoni tali li l-awtorità kompetenti tqisha żona urbanizzata;

"ajruport maġġuri" tfisser ajruport ċivili, indikat mill-awtorità kompetenti, li għandu aktar minn 50,000 moviment fis-sena (moviment ifisser it-tlugħ jew l-inżul ta' ajruplan), minbarra dawk li jsiru purament għal skopijiet ta' taħriġ fuq ajruplani żgħar;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif preskritta bl-avviż intitolat Nomina ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bħala l-awtorità kompetenti, u tali korp ieħor jew persuna li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u jistgħu jissemmew korpi jew persuni differenti bħala l-awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u skopijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"effetti dannużi" tfisser effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem;

"ferrovija maġġuri" tfisser ferrovija, indikata mill-awtorità kompetenti, li tagħmel aktar minn 30,000 passagg fis-sena;

"ħsejjes fl-ambjent" tfisser ħsejjes mhux mixteqin jew li jagħmlu ħsara, inklużi ħsejjes li jagħmlu mezzi tat-trasport, traffiku tat-triq, traffiku ta' ferroviji, traffiku ta' l-ajru, u siti ta' attività industrijali bħal dawk li huma definiti f'Anness I tar-Regolamenti ta' l-2002 għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis;

A.L. 234 ta' l-2002.

"indikatur tal-ħoss" tfisser skala fiżika li tiddeskrivi l-ħsejjes fl-ambjent u li għandha relazzjoni ma' effett dannuż;

"inkonvenjent" tfisser il-livell ta' inkonvenjent lill-komunità li ġej mill-ħsejjes kif determinat minn stħarriġ prattiku;

"ippjanar akustiku" tfisser il-kontroll tal-ħsejjes futuri permezz ta' miżuri ppjanati, bħall-ippjanar ta' l-użu ta' l-art, għemil ta' sistemi għat-traffiku, ippjanar tat-traffiku, tnaqqis permezz ta' miżuri ta' insulazzjonii tal-ħoss u kontroll tas-sorsi tal-ħoss;

"il-pubbliku" tfisser persuna naturali jew legali waħda jew aktar u, skond il-leġislazzjoni jew prattika nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi tagħhom;

"Lday Indikatur tal-ħoss tul il-jum" tfisser l-indikatur tal-ħoss f'każ ta' inkonvenjent tul il-perjodu tal-jum, kif imfisser iktar f'*Annex I of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise*;

"Lden Indikatur tal-ħoss tul il-jum-għaxija-lejl" tfisser l-indikatur tal-ħoss f'każ ta' inkonvenjent ta' natura ġenerali, kif imfisser iktar f'*Annex I of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise*;

"Levening Indikatur tal-ħoss tul l-għaxija" tfisser l-indikatur tal-ħoss f' każ ta' inkonvenjent tul il-perjodu ta' l-għaxija, kif imfisser iktar f'*Annex I of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise*;

"Lnight Indikatur tal-ħoss tul il-lejl" tfisser l-indikatur tal-ħoss li jiddisturba l-irqad, kif definit aħjar f'*Annex I of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise*;

"mappa tal-ħsejjes strateġika" tfisser mappa maħsuba għall-valutazzjoni globali ta' smigh ta' ħsejjes f'żona speċifikata dovuta għal sorsi ta' ħsejjes differenti jew għal tbassir ġenerali għal żona bħal dik;

"pjanijiet ta' azzjoni" tfisser pjanijiet maħsuba biex jimmaniġġaw emissjonijiet u effetti tal-ħsejjes, inkluż it-tnaqqis tal-ħsejjes jekk ikun meħtieġ;

"relazzjoni doża-effett" tfisser ir-relazzjoni bejn il-valur ta' indikatur tal-ħoss u effett dannuż;

"Stati tal-Ftehim" tfisser ftehim, li Malta hija parti minnu, magħmul bejn grupp ta' stati li jagħtu reċiprokament liċ-ċittadini ta' dawn l-istati jew lid-dipendenti tagħhom, id-dritt li jidħlu, joqogħdu u jgħixu fit-territorju ta' dak l-istat u li joħorġu minnu, li jiċċirkolaw liberament f' dawk l-istati għal perjodu tali kif jista' jkun stabbilit fil-ftehim u li jaħdmu jew jistabbilixxu, jipprovdu jew jirċievu servizzi fih; u "Stat tal-Ftehim" u "ċittadin ta' Stat tal-Ftehim" għandhom ikunu interpretati b' dan il-mod, u meta stat ikun parti minn Ftehim bħal dak bla ħsara għal modifiki u adattamenti, ċittadin ta' Stat tal-Ftehim għandu jkun soġġett għal dawk il-modifiki jew adattamenti li jistgħu jiġu preskritti;

"tiswir ta' mapep ta' ħsejjes" tfisser il-preżentazzjoni ta' *data* dwar sitwazzjoni ta' ħsejjes eżistenti jew imbassra għat-termini ta' indikatur tal-ħoss fejn jiġi indikat il-ksur ta' kull limitu ta' valur rilevanti li jkun fis-seħħ, l-għadd ta' persuni milqutin f'xi żona partikolari, jew l-għadd ta' djar esposti għal ċerti valuri ta' indikatur tal-ħoss f' xi żona;

"triq maġġuri" tfisser triq reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali, indikata mill-awtorità kompetenti, li minnha jgħaddu aktar minn tliet miljun vettura fis-sena;

"valur tal-limitu" tfisser valur ta' Lden or Lnight, u fejn ikun adatt Lday u Levening, kif determinat mill-awtorità kompetenti, li meta jinqabeż iwassal lill-awtorità kompetenti biex tikkunsidra jew tinforza miżuri li jimmitigaw; valuri tal-limitu jistgħu jkunu differenti għal tipi differenti ta' ħsejjes (triq, ferrovija, ħsejjes tat-traffiku ta' l-ajru, ħsejjes industrijali, eċċ.), nħawi differenti u sensittività għall-ħsejjes differenti mill-abitanti; jistgħu jkunu wkoll differenti għal sitwazzjonijiet eżistenti u għal sitwazzjonijiet ġodda (meta jkun hemm bidla fis-sitwazzjoni fir-rigward tas-sorsi tal-ħsejjes jew l-użu ta' l-inħawi);

"valutazzjoni" tfisser kull metodu użat biex jikkalkola, ibassar, jistma jew ikejjel il-valur ta' indikatur tal-ħoss jew l-effetti dannużi relatati miegħu;

"żona kwieta f'agglomerazzjoni" tfisser żona, kif stabbilita mill-awtorità kompetenti, bħal waħda li ma tkunx esposta għal valur ta' Lden jew ta' xi indikatur tal-ħoss ieħor adatt li jkun akbar minn ċertu valur stabbilit mill-awtorità kompetenti minn xi sorsi oħra ta' ħsejjes;

"żona kwieta fil-kampanja" tfisser żona, kif stabbilita mill-awtorità kompetenti, li ma hix disturbata minn ħsejjes ta' traffiku, industrija jew attivitajiet rikreattivi;

Implimentazzjoni u responsabbiltajiet.

5. (1) L-awtorità kompetenti għandha:

(a) tagħmel u, meta hu rilevanti, tapprova mapep tal-ħsejjes u pjanijiet ta' azzjoni għal agglomerazzjonijiet, toroq maġġuri, ferroviji maġġuri u ajruporti maġġuri;

(b) tikkollezzjona mapep tal-ħsejjes u pjanijiet ta' azzjoni.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1) hawn qabel aċċessibbli għall-pubbliku.

Indikaturi tal-ħoss u l-applikazzjoni tagħhom.

6. (1) L-awtorità kompetenti għandha tapplika l-indikaturi tal-ħoss Lden u Lnight kif riferiti f'*Annex I of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise* għall-preparazzjoni u reviżjoni tat-tiswir ta' mapep tal-ħsejjes strateġiċi skond regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda sakemm l-użu ta' metodi ta' valutazzjoni komuni għad-determinazzjoni ta' Lden u Lnight isir obbligatorju, jistgħu jintużaw mill-awtorità kompetenti indikaturi tal-ħoss nazzjonali eżistenti u *data* relatata għal dan l-iskop u għandhom jinqalbu għall-indikaturi msemmija hawn qabel sakemm dik id-*data* ma tkunx eqdem minn tliet snin.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tuża indikaturi tal-ħoss supplementari f' każijiet speċjali bħal fil-każ ta' dawk elenkati fil-paragrafu 3 ta' *Annex I of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise*;

(3) Fil-każ ta' ippjanar akustiku u tfassil ta' żoni ta' ħsejjes, l-awtorità kompetenti tista' tuża indikaturi tal-ħoss oħra li ma humiex Lden u Lnight.

Metodi ta' valutazzjoni.

7. (1) Il-valuri ta' Lden u Lnight għandhom ikunu determinati permezz tal-metodi ta' valutazzjoni li hemm f'*Annex II of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise* u b' metodi oħra stipulati f'xi regolamenti oħra.

(2) Sakemm dawn il-metodi jkunu adottati, Stati tal-Ftehim jistgħu jużaw metodi ta' valutazzjoni adatti skond *Annex II of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise* u bbażati fuq il-metodi stipulati fil-leġislazzjoni tagħhom. L-awtorità kompetenti għandha turi li dawn il-metodi jagħtu riżultati ekwivalenti għar-riżultati miksuba bil-metodi stipulati fil-paragrafu 2.2 ta' *Annex II of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise*.

(3) Effetti li jagħmlu l-ħsara jistgħu jkunu valutati permezz tar-relazzjoni bejn doża u effett imsemmija f'*Annex III of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise*.

Tiswir ta' mapep strateġiċi ta' ħsejjes.

8. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2007, mapep strateġiċi tal-ħsejjes li juru s-sitwazzjoni fis-sena kalendarja preċedenti jkunu saru għall-agglomerazzjonijiet kollha li għandhom aktar minn 250,000 abitant u għat-toroq maġġuri kollha li minnhom jgħaddu aktar minn sitt miljun vettura f' sena, ferroviji li jagħmlu aktar minn 60,000 passaġġ fis-sena u ajruporti maġġuri fit-territorji tagħhom.

(2) L-awtorità kompetenti għandha taddotta l-miżuri neċessarji biex tiżgura li mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2012 u kull ħames snin wara, mapep strateġiċi tal-ħsejjes li juru s-sitwazzjoni fis-sena kalendarja preċedenti jkunu saru għall-agglomerazzjonijiet kollha u għat-toroq maġġuri u ferroviji maġġuri kollha fit-territorji tagħhom.

(3) Il-mapep strateġiċi tal-ħsejjes għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet minimi mniżżlin f'*Annex IV of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise*.

(4) Stati ta' Ftehim ġirien għandhom jikkooperaw fit-tiswir ta' mapep strateġiċi tal-ħsejjes ħdejn il-fruntieri.

(5) Il-mapep strateġiċi tal-ħsejjes għandhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid, u riveduti jekk ikun meħtieġ, mill-inqas kull ħames snin wara d-data tal-preparazzjoni tagħhom.

Pjanijiet ta' azzjoni.

9. (1) Mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju 2008, l-awtorità kompetenti għandha tfassal pjanijiet ta' azzjoni maħsubin biex jimmaniġġaw, fit-territorji tagħha, kwistjonijiet u effetti ta' ħsejjes, inkluż it-tnaqqis tal-ħsejjes jekk meħtieġ fil-każ ta' :

(a) lokalitajiet ħdejn toroq maġġuri li jgħaddu minnhom aktar minn sitt miljun vettura fis-sena, ferroviji maġġuri li jagħmlu aktar minn 60,000 passaġġ kull sena u ajruporti maġġuri;

(b) agglomerazzjonijiet b'aktar minn 250,000 abitant. Pjanijiet ta' din ix-xorta għandhom jaħsbu wkoll biex iħarsu zoni kwieti minn żieda fil-ħsejjes.

Il-miżuri fil-pjan huma fid-diskrezzjoni ta' l-awtorità kompetenti, iżda għandhom jindirizzaw notevolment prijoritajiet li jistgħu jkunu identifikati għax jaqbżu kull valur tal-limiti rilevanti jew permezz ta' kriterji oħra magħżulin mill-awtorità kompetenti u japplikaw b' mod partikolari għaż-żoni l-aktar importanti kif stabbilit mit-tiswir tal-mapep strateġiċi.

(2) Mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju 2013, l-awtorità kompetenti għandha tfassal pjanijiet ta' azzjoni notevolment biex jindirizzaw prijoritajiet li jistgħu jkunu identifikati għax jaqbżu kull valur tal-limiti rilevanti jew permezz ta' kriterji oħra magħżulin mill-awtorità kompetenti għall-agglomerazzjonijiet u għal toroq maġġuri u wkoll għal ferroviji maġġuri fit-territorji tagħhom.

(3) Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet minimi ta' *Annex V of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise*.

(4) Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom ikunu kkunsidrati mill-ġdid, u riveduti jekk meħtieġ, meta jkun hemm xi żvilupp maġġuri li jolqot is-sitwazzjoni tal-ħsejjes eżistenti, u mill-inqas kull ħames snin wara d-data ta' l-approvazzjoni tagħhom.

(5) Stati ta' Ftehim ġirien għandhom jikkooperaw fil-pjanijiet ta' azzjoni għal reġjunijiet ħdejn il-fruntieri.

(6) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-pubbliku jkun ikkonsultat dwar proposti għall-pjanijiet ta' azzjoni, li jingħata opportunità minn kmieni u effettiva biex jipparteċipa fil-preparazzjoni u reviżjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, li jitqiesu r-riżultati ta' dik il-parteċipazzjoni u li l-pubbliku jkun mgħarraf bid-deċiżjonijiet meħuda. Għandha tingħata medda ta' żmien raġonevoli li tkun tippermetti żmien biżżejjed għal kull stadju ta' parteċipazzjoni pubblika.

Informazzjoni lill-pubbliku.

10. (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-mapep strateġiċi tal-ħsejjes li sawret, u adottat fejn xieraq, u l-pjanijiet ta' azzjoni li fasslet, huma aċċessibbli u mxerrdin fost il-pubbliku skond ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent, u f' konformità ma' *Annexes IV and V of Directive 2002/49/EC of the European Parliament and of the Council of 25 June 2002 relating to the assessment and management of environmental noise*, inkluż permezz ta' teknoloġiji ta' informatika aċċessibbli.

A.L. 217 ta' l-2001.

(2) Din l-informazzjoni għandha tkun ċara, tinftiehem u aċċessibbli. Għandha tingħata ġabra li tkopri l-punti l-aktar importanti.

Kollezzjoni u pubblikazzjoni ta' *data*.

11. L-awtorità kompetenti għandha twaqqaf *database* ta' informazzjoni fuq mapep strateġiċi tal-ħsejjes biex tħaffef il-kompilazzjoni tar-rapport imsemmi fir-regolament 12 u ta' xogħol tekniku u informattiv ieħor.

Reviżjoni u rappurtar.

12. (1) Ir-rapport għandu, b' mod partikolari, jivvaluta l-ħtieġa għal aktar azzjoni fuq ħsejjes fl-ambjent u, jekk xieraq u meħtieġ, jipproponi l-implimentazzjoni ta' strateġiji fuq aspetti bħal:

(a) skopijiet fuq medda ta' żmien twila u medja għat-tnaqqis ta' l-għadd ta' persuni li jsofru ħsara minn ħsejjes fl-ambjent;

(b) miżuri addizzjonali għat-tnaqqis tal-ħsejjes li fl-ambjent prodotti minn sorsi speċifiċi, b' mod partikolari tagħmir li jintuża fil-beraħ, mezzi u infrastrutturi ta' trasport u ċerti kategoriji ta' attività industrijali, u li jibnu fuq dawk il-miżuri diġà implimentati jew li qed ikunu diskussi biex jiġu adottati;

(ċ) il-ħarsien ta' zoni kwieti fil-kampanja.

(2) Ir-rapport għandu jinkludi konsiderazzjoni tal-kwalità ta' l-ambjent akustiku f' Malta ibbażat fuq id-data li hemm referenza għaliha fir-regolament 11 u għandu jqis il-progress xjentifiku u tekniku u ta' kull informazzjoni oħra rilevanti.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tipproponi strateġiji u miżuri li jkunu jqisu t-tnaqqis ta' effetti li jagħmlu ħsara, u l-proporzjon bejn spejjeż u effettività għandu jkun il-kriterju ewlieni għall-għażla ta' l-istrateġiji u l-miżuri proposti.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tkun riveduta kull ħames snin u aktar spiss jekk xieraq u meħtieġ. Għandu jkollha valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Ir-rapport għandu jkollu miegħu, jekk meħtieġ, proposti għal emendi ta' dawn ir-regolamenti.

Reati kontra dawn ir-regolamenti.

13. Persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tħares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew tonqos milli tikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-permess jew ma' xi ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b' liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlas ta' flus biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tħares xi disposizzjoni tagħhom, inkluża kull ordni mogħtija leġittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

Pieni.

14. Kull persuna li tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti tista', meta tinsab ħatja, teħel:

(a) meta tinsab ħatja l-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira;

(b) meta tinsab ħatja t-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira, jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-qorti għandha tordna lil persuna li tkun insabet ħatja li għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti tħallas għall-ispejjeż imġarrba mill-awtorità kompetenti b' riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.

15. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità ma għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.